# LORENZI: L-AQWA KAPTAN KURSAR TA' ŻMIEN L-ORDNI

Fl-intervista tad-19 ta' Jannar trattajna l-kaptani kursara minn Zelalich sa Mitrovich li kienu jwettqu l-kors bil-permess tal-Ordni ta' San Ġwann. Qrajna kif bejn il-kaptani kienet qisha ffurmat għaqda, fejn mhux biss jiżżewġu u jżewġu lil uliedhom flimkien u jagħmluha ta' parrini tat-tfal ta' xulxin, iżda jaqbżu wieħed għall-ieħor fl-inqaqar kollha li jinqalgħu. Illum, Liam Gauci, Kuratur tal-Mużew Marittimu, se jagħtina aktar informazzjoni fuq il-Kaptan Guglielmo Lorenzi.

Minn **CHARLES B. SPITERI**




Xambekk waqt maltempata. Eks voto fis-Santwarju tal-Ħerba Birkirkara

**Fejn insibuh lil dan Lorenzi fl-istorja ta' pajjiżna?**

Kien fl-1745 meta l-Kaptan Korsikan Francesco di Natale daħal fil-Port il-Kbir ta' Malta b'bastiment itajjar bandiera tar-re ta' Sardinja. Miegħu, abbord kellu tifel ta' 11-il sena, li kien qed jammira lil Malta għall-ewwel darba. Dan it-tifel ċkejken fl-età kien ħuh tar-rispett min-naħa ta' ommu. Kien jismu appuntu, Guglielmo Lorenzi.

Ma nafu bl-ebda skop għaliex Lorenzi ġie Malta, iżda aktarx li ġie peress li ħutu tar-rispett akbar minnu, kienu jgħixu hawn u kienu ilhom is-snin jaħdmu bħala kursara.

**X'nafu fuq tfulitu f'pajjiżna?**

Ftit li xejn. Aktarx twieled f'Nonza, Korsika u bħala ġuvnott, fis-snin 1760, involva ruħu fin-Navy tar-Repubblika Korsikana.

Madankollu, aktar importanti hu li għalkemm tgħallem is-sengħa bħala bniedem tal-baħar, ma damx ma sar kaptan. Il-professjoni tiegħu tgħallimha għax minn ċkejken serva ma' wħud mill-aqwa kursari ta' żmienu, bħal Hieronymus Preziosi kif ukoll ħutu tar-rispett Giacomo u Francesco Di Natale.

Għalkemm kien moħħu fil-kors, kif stqarr hu stess lill-Kurja ta' Malta, kif kiber aktar, ried jiżżewweġ. Fil-fatt, fl-1756 iżżewweġ lil Angela Gelfo, bint kursar. Il-quddiesa taż-żwieġ saret fil-knisja ta' San Pawl il-Belt u kellhom żewġt itfal, li mitulhom żgħar.

**Jiġifieri Lorenzi baqa' jgħix fostna wara li żżewweġ?**

Hu kien qed jikseb isem ġmielu fix-xogħol ta' kursar u spiss kien iżur pajjiżu – Korsika, waqt il-fażi Repubblikana qasira, taħt it-tmexxija ta' Pasquale Paoli. Jingħad li l-ewwel bastiment li qatt kellha r-Repubblika Korsikana, ingħata mill-Gran Mastru nnifsu lil Paoli. L-Ordni kellha bosta interessi f'Korsika u għalhekk kien jaqblilha żżomm l-aqwa relazzjonijiet.

Meta sfaxxat ir-Repubblika Korsikana u waqgħet f'idejn l-armati Franċiżi, ħafna Korsikani sabu refuġju f'Malta. Fosthom insibu lil Matteo Mattei, Angelo Franceschi, Francesco Franceschi u Guglielmo Lorenzi nnifsu. Dik il-ħabta kienet, li Lorenzi ġie jgħix Malta għalkollox. Il-ġrajjiet li seħħew f'Korsika influwenzaw bil-bosta liż-żagħżugħ Lorenzi u dan kollu hu importanti li nżommuh f'moħħna meta nippruvaw nifhmu d-deċiżjonijiet futuri tiegħu.

**Allura meta nsibu lil Lorenzi bħala kaptan tal-kors?**

Bejn l-1750 u l-1760, Lorenzi kiseb esperjenza biżżejjed fuq il-baħar u probabbilment reputazzjoni qawwija bħala kaptan. Serva taħt bnadar differenti, waqt li kien għadu jaħdem bħala ħaddiem privat.

Fis-snin ta' wara l-1750 qeda ħidmiet taħt il-bandiera tal-Prinċep ta' Monaco u bejn l-1773 u l-1774 serva taħt il-bandiera tar-Re taż-żewġ Sqallija. Dan kollu għamlu waqt li uża lil Malta bħala bażi. Iżda l-aktar ħidmiet ibsin li jissemmew fuq Lorenzi, huma l-vjaġġi b'waqfien temporanji taħt il-bandiera tal-Ordni ta' San Ġwann u l-bandiera tal-Gran Mastru.

Fl-1767, il-Gran Mastru Emmanuel Pinto tah il-kmand tal-iżgħar, iżda daqstant importanti, vaxxell privat: il-feluka bl-isem 'La Vittoria' li titħaddem minn 30 raġel.

**U b'dan il-vaxxell, wera l-ħila li kellu?**

Iva, mill-ewwel irreġistra l-qabdiet. Madankollu, b'xorti ħażina kellu jħallas bil-ħajja ta' sitt membri tal-ekwipaġġ tiegħu, iżda minn hemm naqqax isem mill-aqwa għall-kumplament tal-karriera li sawwar.

Minkejja li kienet karriera ħarxa u li tinbidel minn waqt għal ieħor, bdiet tifforma ħajja lussuża għal dan il-Kaptan Korsikan żagħżugħ.

Lorenzi tista' tgħid li qatta' s-snin ta' wara l-1770 fuq il-baħar. Il-maġġoranza ta' ħidmietu tinsab reġistrata kemm fil-volumi tal-Qrati Maltin, kif ukoll fl-atti notarili marbutin mal-kors.

**Insibuh fuq xi qoxra oħra tal-baħar lil Lorenzi?**

Iva, fl-1777 kien fuq xambekk, itajjar il-bandiera tal-Ordni ta' San Ġwann. Taħtu kellu ekwipaġġ ta' mill-inqas 75 baħri. Telaq mill-Port fis-26 ta' Diċembru, lejn Capo Passero fi Sqallija, iżda meta kien f'nofs ta' baħar, ix-xambekk intlaqat mill-borra u riħ qawwi. Tant kien temp ħażin li l-feluka (id-dgħajsa ċkejkna li jkollu l-bastiment) intilfet. Fortunatament iżda, ħadd ma tilef ħajtu.

Meta l-bastiment qabad ir-rotta 'l fuq lejn Kalabrija, qasam il-Baħar Joniku għal Ċefalonja. Hemmhekk ankra, iżda ma setax ikompli jbaħħar minħabba l-maltemp.

Kien fit-13 ta' Jannar li Lorenzi rnexxielu jitlaq minn Ċefalonja, iżda deher li kien vjaġġ għalxejn u beda l-garr fost l-ekwipaġġ. Ix-xitwa kienet qalila ferm u l-kesħa xxoqq l-għadam, tant li x-xambekk kellu jqatta' xahrejn f'Monte Santo.

Meta t-temp qagħad, Lorenzi rnexxielu jitlaq mill-gżira – biex kellu jerġa' jirritorna mill-ġdid. Il-proviżjonijiet abbord naqsu drastikament u xtara 150 kg ta' qamħ mhux mitħun. Hu kien jaf li l-qamħ mhux maħdum ma kien jiswa għal xejn, iżda mill-kuntatti li kellu f'Argentiera (illum Kimolos) kien jaf li jippreċessawhulu u jaħmuhulu f'ħobż għall-ekwipaġġ. Ivvjaġġa għal Argentiera fejn niżżel il-qamħ, iżda kellu jaħrab immedjatament hekk kif waslet l-aħbar li żewġ xambekki kienu qed ifittxuh u waslu fejn kien hu. Salpa lejn Santorini u wara ftit jiem, meta fuq il-kosta kollox deher kwiet, reġa' mar Argentiera mnejn kiseb il-ħobż moħmi. Minkejja dik l-attività kollha, Lorenzi ma kellu xejn x'juri għall-erba' xhur li għamel fuq il-baħar.

**Jiġifieri kellu jiġi lura**

> "L-iskjavitù tiegħu ma damx, għalkemm ħadd ma jaf meta ġie lura. Li hu żgur hu li fl-1773 reġa' beda jaħdem 'il barra minn pajjiżna u applika għal-liċenzja biex ibaħħar żewġ bastimenti kbar taħt il-kmand tiegħu

**Malta b'idu f'idu?**

Hekk kien jidher, iżda hu ried jikseb xi priża, u malajr. Kmieni fl-għodwa tal-25 ta' Mejju, qrib Anatolja, lemaħ żewġ bastimenti. Taħom l-assalt u rnexxielu jaħtafhom. Il-bastimenti kienu qed ibaħħru lejn Jaffa u Acre rispettivament. Il-ħażna tagħhom kienet tikkonsisti f'ross, melħ u numru kbir ta' passiġġieri. La Lorenzi u lanqas l-ekwipaġġ tiegħu ma riedu jemmnu lil għajnejhom.

Iż-żewġ bastimenti kienu qed iġorru 98 persuna, fosthom numru kbir ta' nisa u tfal. Din kienet l-akbar qabda li saret, probabbilment l-ikbar waħda tas-seklu.

Issa, Lorenzi kellu jaħseb f'żewġ affarijiet importanti: kif se jbigħ il-priża li kellu, u kif se jżomm lill-iskjavi ħajjin. F'dak iż-żmien, kull kursar kien ifittex li jbigħ fil-pajjiżi tal-Lvant lin-nies li jaqbad. Sadanittant, l-iskjavi li kellu Lorenzi kienu jeħtieġu l-ikel u l-ilma, kumdità skarsa fuq l-ewwel bastimenti tad-dinja moderna.

**Mela f'salt wieħed ried jieħu ħsieb aktar mid-doppju tal-ħluq li kellu bħala ekwipaġġ. X'għamel?**

Il-liġijiet tal-Ordni ta' San Ġwann u n-Navy kienet tesiġi li kull skjav abbord kellu jingħata tliet ħobżiet kuljum li jiżnu 40 uqija (1.13 kg). Issa jekk nikkunsidraw li Lorenzi kellu 98 skjav abbord, kellu jipprovdi mill-inqas 110 kg kuljum għalihom biss. Iżda kaptan ta' bastiment tal-kursari ma kienx marbut legalment b'dawk il-liġijiet.

Madankollu, hu importanti nikkunsidraw l-inkwiet li kien qed jaffaċċja Lorenzi. Iżda hu rħielha għal Jaffa, fejn ippjana li jbigħ il-merkanzija li kellu. Hemm bagħat lil wieħed mir-rais (kaptan) tal-bastiment biex jinnegozja prezz għall-ħelsien tal-iskjavi. Iżda dan ingannah darbtejn u ma reġax lura.

**Allura l-iskjavi baqgħu ma nbigħux?**

Lorenzi telaq minn hemm u baħħar lejn Bejrut biex jipprova jinnegozja l-merkanzija hemm. Il-gvernatur Franċiż offra 15,000 pjastra – ammont qawwi għal dak iż-żmien. Madankollu, Lorenzi emmen li f'Malta, seta' jikseb prezz aħjar. Għalhekk iddeċieda li jiġi lura Malta bla telf ta' żmien. Kien vjaġġ perikoluż għall-aħħar.

S'issa kienet xterdet l-aħbar li l-kursar Malti Guglielmo Lorenzi kien qabad numru kbir ta' skjavi; u kien qed isibha bi tqila biex iwassalhom hawn.

**Ma kienx hemm min joħroġ jgħinu?**

Mill-istorja jidher li ma kienx hemm għalfejn, għax f'dawk iċ-ċirkustanzi ibsin, hu sab il-ħin jaqbad żewġ bastimenti oħra, u żied erba' erwieħ mal-iskjavi li kellu.

Iżda l-kundizzjonijiet għall-iskjavi abbord kienu ħarxa għall-aħħar, tant li tul il-vjaġġ, tmien skjavi mietu. Hawn, Lorenzi beda jibża' li l-iskjavi setgħu jaħarbu jew iqajmulu rewwixta.

**Kellu biċċa xogħol iebsa. Dam xejn ma wasal Malta?**

Ħa xahrejn. Daħal fil-Port fis-26 ta' Lulju. Issa li kienu Malta, seta' jibda bl-irkant u hu u l-ekwipaġġ tiegħu bdew jikkalkulaw il-profitti. Statistikament, fl-1778, il-kursara tal-Ordni kienu qabdu 142 skjav tul is-sena. B'hekk, il-95 li qabad Lorenzi tqiesu b'suċċess enormi għall-kursara li jtajru l-bandiera tal-Ordni.

**Naturalment, issa kiseb fama fostna.**

Mhux fostna biss, għax ma' kullimkien beda jissemma. Tant li lejn tmiem is-seklu 18, kien magħruf sew fid-dinja Mediterranja. Terġa' sa mill-1769, ħbiebu stess bdew jistqarru li r-reputazzjoni tiegħu kienet ta' kursar bla qalb. Fost dawn kien hemm il-Kaptan Giuseppe Franceschi, li qal lill-uffiċjali tal-Port f'Malta li n-nies ta' Morea stqarrew li kien insultahom meta ħataf vapuri li kienu qed jinnavigaw bil-passaport tagħhom. Tant hu hekk li qabduh skjav.

Iżda fl-istqarrija tiegħu lill-awtoritajiet f'Malta, Franceschi qal li l-kaptan tiegħu u xi nies tal-ekwipaġġ niżlu f'dgħajsa żgħira u qadfu lejn ix-xatt ta' Morea biex jiftiehmu fuq il-prezz tal-irkant tal-iskjavi. Hemmhekk, inqabdu skjavi huma stess.

Franceschi qal li hu kien baqa' fuq ix-xambekk u meta ra l-qagħda gravi li kien spiċċa fiha l-kaptan, ħarab lejn Malta bil-kumplament tal-ekwipaġġ.

**Jiġifieri dak kien it-tmiem ta' Lorenzi?**

Le. L-iskjavitù tiegħu ma damx, għalkemm ħadd ma jaf meta ġie lura. Li hu żgur hu li fl-1773 reġa' beda jaħdem 'il barra minn pajjiżna u applika għal-liċenzja biex ibaħħar żewġ bastimenti kbar taħt il-kmand tiegħu: frejgata bl-isem ta' La Vittoriosa u xambekk bl-isem ta' Il Falcone. Li kaptan kursar ibaħħar b'żewġ bastimenti taħt il-kontroll tiegħu biss hi xi ħaġa li rari kienet issir.

X'ġara waqt din l-ispedizzjoni qajla jingħad. Li hemm reġistrat hu li fl-10 ta' Mejju, 1783, iż-żewġ bastimenti taħt il-kmand ta' Lorenzi ħarġu mill-ibħra Maltin. Fil-ħamsa ta' filgħaxija tal-5 ta' Awwissu, ix-xambekk reġa' lura fil-Port b'bastiment maqbud. Ħamest ijiem wara, il-frejgata waslet ukoll bi priża oħra.

Lorenzi ma reġax baħħar qabel is-7 ta' Settembru, u din id-darba ħarġet il-frejgata biss għall-kors.

**X'setgħet kienet ir-raġuni għal dan?**

Spjegazzjoni plawsibbli setgħet kienet li Lorenzi kien sar uġigħ ta' ras għall-Ottomani, li ħejjew vapur biex isibuh meta jkun fuq il-baħar, jaħtfuh u jwaqqfu d-dannu li kien qed jikkaġunalhom fin-negozju.

Jingħad li fil-fatt, il-bastiment Ottoman irnexxielu jsib lil dawk ta' Lorenzi u aktarx qamet battalja kbira. Il-bastiment ta' Lorenzi mhux biss irnexxielu jaħrab is-saram kollu, talli rnexxielu jaqbad bi skjavi lill-irġiel li kienu qed jikkaċċjawh. Kien ġera d-demm, tant li 62 pirata Tork inqatlu. Bir-ritorn taż-żewġ bastimenti tiegħu fil-Port, ix-xambekk seta' kellu ħsara kbira, jew ma kienx hemm biżżejjed nies kapaċi li seta' jerġa' joħroġ biż-żewġ bastimenti fuq il-baħar.

Il-kuraġġ u l-ħeġġa li wera Lorenzi tul l-ispedizzjoni tiegħu tal-1783 kisbitlu l-applaws tan-nies ta' żmienu. Anki l-Prinċep ta' Malta, Emmanuel de Rohan, onora lil Lorenzi b'medalja tad-deheb. Minn hawn 'il quddiem, il-karriera ta' Lorenzi baqgħet tissaħħaħ.

Il-qofol tal-karriera ta' Lorenzi bħala kaptan kursar Malti aktarx intlaħaq fl-1787. Fir-rebbiegħa ta' dik is-sena, Lorenzi kien qed ilesti l-karti kollha meħtieġa biex ibaħħar fil-Mediterran għall-kors.

Il-kaptan beda jarma wieħed mill-akbar u l-aktar bastimenti tal-kursari qawwijin li seta' jinħadem f'Malta. Kien il-bastiment li fuqu kellu 54 kanun, bl-isem ta' La Fama. Id-dettalji fuq dan il-vjaġġ m'ilhomx wisq li nstabu u l-informazzjoni li jagħtu hi immensa.

Il-bastiment li ntrama għal din l-okkażjoni kien frejgata. Abbord, il-kaptan għabba kwantità kbira ta' ikel u armamenti, biex jgħin lin-nies tiegħu jiksbu dak li kien mistenni minnhom.

Eventwalment, il-bastiment telaq minn Malta fis-6 ta' Mejju 1787 u għandna dokument li jagħti l-lista kompluta tan-nies abbord. Jidher li Lorenzi kellu madwar 230 raġel, li minnhom, 146 kienu baħrin Maltin.

L-ispedizzjoni kienet suċċess. Il-frejgata baħħret għal Ċefalonja, Zakynthos u mbagħad għal Kreta. Meta ma nstabet ebda priża, il-Kaptan baħħar lejn Rodi, fejn ġera wara xambekk, li ċeda mill-ewwel. Kien ta' Mahmet Aga, Gvernatur ta' Rodi, li f'irkant kien iġib ħafna flus.

Għalhekk l-ispedizzjoni inġenerali kienet suċċess kbir u l-profitti miksuba mill-prejjeż f'Malta f'Jannar ta' wara, ħallew profitt ġeneruż għal dawk kollha involuti.

L-armamenti kollha u n-nies li kellu fuq La Fama kienu destinati biex jakkumpanjaw lil Lorenzi fuq kapitlu ieħor ta' ħajtu: dak ta' kursar Russu. Il-kisbiet ibsin tiegħu għoġbu ferm lill-Każarina, li ddekoratu bil-medalja tal-Ordni ta' San Ġorġ għas-servizzi offruti.

Wara l-1790, il-Kaptan Lorenzi ma reġax lura fuq il-baħar bħala kaptan kursar, għalkemm l-involviment tiegħu fil-kors Malti kompla. Fl-1795 insibuh iservi bħala eżaminatur għall-Kaptan Felice Micallef fl-aħħar eżami li kellu biex jikkwalifika bħala kaptan tal-kursari.



L-ewwel paġna tal-'Logbook' miżmum mill-iskrivan ta' La Fama



L-armamenti fuq il-frejgata La Fama